Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 399 / 2017

Il-Pulizja

Vs

Anthony Caruana

Illum 28 ta' Frar, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Anthony Caruana detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 15261 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghax-xahar t' April 2017, f' dawn il-Gzejjer Maltin:

1) Naqas milli jaghti lil Mariella Caruana, is-somma, ffissata rninn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u / jew martu, fi zrnien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-9 t' Ottubru, 2017, fejn il-Qorti li rat l-Artikolu 338 (z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imsemmi mputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni w ikkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Anthony Caruana, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 t' Ottubru, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Anthony Caruana, d-disgha (9) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) u konsegwentament tillibera lill-appellanti Anthony Caruana minn kull imputazzjoni u htija;

2. Fin-nuqqas tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti hati u tirrevoka l-piena inflitta u minflok tinfliggi piena iktar idonea u inqas harxa li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji ta' l-appellanti huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. L- ewwel Aggravju — illi l-appellanti ma ghandux il-mezzi sabiex ihallas il-manteniment ghax huwa intlaqat minn problem medici f' qalbu u n-nuqqas tieghu ma kienx wiehed volontarju u li l-principju ad impossibilia nemo tenetur huwa ta' ostakolu biex tista' tinstab responsabbilta' kriminali.
2. It-tieni Aggravju – illi l-appellanti jikkontendi li l-piena nflitta fuqu hija wahda esagerata tenut kont il-fatt lill-appellant ma riedx li jahrab mill-obbligi

tieghu imma kienet biss kundizjoni medika li impedietu milli jkollu introjtu biex jonora l-obbligi tieghu.

1. L- ewwel Appravju — Illi l-appellanti ma ghandux il-meal sabiex ihallas il-manteniment ghax huwa intlaqat minn problem medici f' qalbu u n-nuqqas tieghu ma kienx wiehed volontarju u li l-prindpju ad impossibilia nemo tenetur huwa ta' ostakolu biex tista' tinstab responsabbilta' kriminali.

1.1 Illi l-appellanti ghaddej minn diffikultajiet finanzjarji kbar minhabba s-sahha tieghu peress li kellhu jigi rikoverat gewwa l-isptar Mater Dei;

1.2 Illi l-appellanti sab ruhu rinfaccjat b'cirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom;

1.3 Illi prova ta' dan hemm il-file mediku esebit in atti tal-esponenti;

1.4 Illi nonostante dan instabet htija u l-appellanti inghata piena karcerarja;

1.5 Illi huwa ghalhekk fid-dawl ta' din is-sentenza, li l-appellanti jikkontendi li huwa:

i. Gie akkuzat li ma amministrax il-manteniment ghal xahar wiehed;
ii. Ir-ragunijiet ghan-nuqqas ta' hlas tieghu gew prodotti bi prova regina;
iii. L-impossibilta tieghu li jamministra manteniment minhabba n-nuqqas ta' dhul huwa reali u mpediment li ma ghandux kontroll fuqu;

1.6 Illi fid-dawl ta' dawn is-sottomisjonijiet, l-appellanti jirreferi ukoll ghas-sentenza deciza mill-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Alfred Camilleri deciza fit-18 ta' Settembru, 2002 fejn intqal: "... sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond' Awla jew digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta' manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonferma htija fejn l-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma' tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti din il-Qorti, minflok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruhha f' wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' digrieti jew sentenzi

tal-Prim'Awla u tal-Qorti tal-Appell u digrieti tas-Sekond' Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha."

1.7 Illi huwa invista ta' dan l-insenjament li l-appellanti jikkontendi li l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali hija wahda li tista tirrevedi c-cirkostanzi tal-appellanti tenut kont li hu kien f' impossibilta li jaqla l-flus u jahdem minhabba mard;

1.8 Illi l-appellant jargumenta illi huwa sab ruhu rinfaccjat b' cirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom, li n-nuqqas tieghu ma kienx wiehed volontarju u li l-principju ad impossibilia nemo tenetur huwa ta' ostakolu biex tista' tinstab responsabbilta' kriminali. L-appellant jghid illi kieku ma kienx ghall-fatt li sab ruhu redundant kien ikompli jhallas il-manteniment fl-istess ammont li kien obbligat li jhallas.

1.9 Illi l-appellanti jirreferi ukoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza waqt is-Seduta ta' l-1 ta Novembru, 2010 (Appell Kriminali Numru. 78 / 2010) fl-ismijiet Il-Pulizija v. Mario Gafa fejn l-istess Mario Gafa kien akkuzat talli "Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmi Mario Gafa' talli ghax-xahar ta' Lulju 2009 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b' kuntratt naqas li jaghti lil Rita Gafa u / jew / lil uliedhom is-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulat bil-kuntraft bhala mantenirnent ghaliha u / jew ghall-ulied fi zmien 15-il Jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollu jhallas dik is-somma;"

1.10 Din l-Onorabbli Qorti tal-Appell f' cirkostanzi identici kienet iddecidiet li piena karcerarja tigi rrevokata u minflok jigi liberat ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 kif gej: "Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu lliberat lill-appellant bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zrnien xahar ai termini ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u in kwantu ordnat li jhallas lill-mara tieghu s-somrna to' €513 fi zmien xahrejn ai termini ta' l-artikolu 24 ta' l-istess Kap. 446, u minflok tillberah bla

kondizzjoni (absolute discharge) a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

1.11 Ghaldaqstant l-esponenti jikkontendi li l-ewwel aggravju tieghu ghandu jigi milqugh.

2. It-tieni Aggravju – illi l-appellanti jikkontendi li l-piena nflitta fuqu hija wahda esagerata tenut kont il-fatt li l-appellant ma riedx li jahrab mill-obbligi tieghu imma kienet biss kundizjoni medika li impedietu milli ikollu introjtu biex jonora l-obbligi tieghu.

2.1 Illi l-appellanti jikontendi li l-piena hi wahda esagerata meta wiehed iqis illi huwa ressaq il-prova regina tad-diffikultajiet fis-sahha tieghu u xehed ukoll li hu f' impossibilta li jaqla' flus minn imkien ghax hu self employed u wahdu jahdem;

2.2 Illi l-appellanti filwaqt li jaghmel referenza ghas-sottomissjonijiet tieghu taht l-ewwel aggravju ser jghaddi ukoll biex jaghmel referenza ghal diversi sentenzi b' akkuzi simili li kellhom il-piena riformata minn wahda karcerarji;

2.3 Illi l-kaz tal-appellanti huwa wiehed genwin u l-appellanti qatt qabel ma kien falla jew ma hallasx manteniment, izda s-sahha u l-kundizzjoni f' qalbu hija li mpedietu milli huwa jahdem u jiggenera introjtu;

2.4 Illi fis-sentenza deciza mill-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Publius Said deciz fid-9 ta' Lulju 2003 u f' diversi sentenzi sussegwenti: 'l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skruplozament.'

2.5 Illi fis-sentenza deciza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Anthony Azzopardi deciza fis-26 ta' Settembru 2011, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (per Prim' Imhallef David Scicluna) gie deciz li in vista ta' dak deciz fis-sentenza il-Pulizija vs. Publius Said, 'konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena' u dik il-Qorti rriformat is-sentenza appellata, rrevokata in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahar prigunerija, u minflok kkundannatu ghall-hlas ta' ammenda ta' tmienja u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23), liema somma tigi kkonvertita f' hamest ijiem detenzjoni jekk ma tithallasx minnufih'

2.6 Illi anki fis-sentenza deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Mario Gafà, deciz fl-1 ta' Novembru 2010 (Appell Kriminali Numru 259 / 2010) fejn l-imputat kien akkuzat talli ma hallasx il-manteniment ghax-xhur ta' Awissu 2009, Settembru 2009, Ottubru 2009 u Novembru 2009, l-ewwel Qorti kienet ikkundannatu xahar priunerija sospizi ghal sena al termini tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnatu sabiex ihallas is-somma ta' elfejn u tmienja u erbghin euro (€2,048).

2.7 Illi nonostante dan, dwar din il-piena msemmija f' din is-sentenza citata, l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet irriformat s-sentenza appellata, irrevokata in kwantu kkundannat lill-imputat Mario Gafà xahar priunerija sospizi ghal sena ai termini ta' l-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnat li jhallas is-somma ta' elfejn u tmienja u erbghin euro (€2,048) fi zmien tliet (3) xhur ai termini ta' l-artikolu 28 H tal-Kap 9 tal-Liijiet ta' Malta u minflok a tenur ta' l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, twiddbu biex ma jergax u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.'

2.8 Illi l-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Brincat deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-21 ta' Mejju 2013, l-imputat kien akkuzat talli ma' hallasx manteniment ghax-xhur ta' Gunju 2011 u Lulju 2011, l-ewwel Qorti kienet ikkundannatu xahar priunerija sospiz ghall sena ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 u ordnat lill-imputat sabiex ihallas is-somma ta' erba mitt euro

(€400) fi zmien xahar ai termini tal-Artikolu 28 H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2.9 Illi din l-Onorabbli Qofti kienet laqghet l-aggravju tal-appellant dwar il-piena u bidlet u rrevokat il-piena ta' xahar prigunerija sospiza ghal sena u minflok qed tikkundannah ihallas amenda ta' €58.'

2.10 Illi l-esponenti jaghmel referenza ukoll ghall-kawza deciza fis-Seduta tal-25 ta Marzu, 2015 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Numru. 414 / 2014 ) fl-ismijiet Il-Pulizija v. Jesmond Vella.

2.11 F' dik il-kawza l-akkuza mijuba mill-Pulizija E±ekuttiva kontra Jesmond Vella, quddiem il-Qorti tal-Maistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet 'talli b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi li jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, bejn ix-xhur ta' Jannar 2008 sa Marzu 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b' kuntratt naqas li jaghti lil martu Charmaine Fenech u / jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u / jew ghall-ulied fi ±mien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma;'

2.12 Il-piena li nghatat kienet is-segwenti: rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magitrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtjia fil-15 ta' Ottubru 2014 fejn dik il-Qorti wara li rat l-artikoli 338 (z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-l-Ligijiet ta' Malta, sabet lil l-istess Jesmond Vella hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena ta' tliet xhur (3) prigunerija; L-akkuza kienet tkopri 5 snin ta' manteniment. L-Onorabbli Qorti tal-Appell kienet iddeccidiet li tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu gtiall-htija izda tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal tliet xhur prigunerija u minflok, bl-applikazzjoni ta' l-artikoIu 22 tal-Kap. 446 tal-Liijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizjoni li ma jaghmilx reat iehor sa ±mien tmintax-il xahar mill-lum.

2.13 Ghalhekk, tenut kont tal-verosimilta tal-kaz tal-appellanti ghal dawk tas-sentenzi hawn fuq citati li l-appellanti jikkontendi li hemm lok ghal mitigazzjoni tal-piena erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti jinsab akkuzat illi naqas milli jissoministra l-manteniment lil martu fl-ammont ta' 400 ewro ghal uliedu minuri Luke u Jade ghax-xahar ta' April 2017 u dan fit-termini ta' digriet moghti mil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat 28 ta' April 2016.

Illi l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellanti ghal perijodu ta' gimgha detenzjoni u dana wara li sabitu hati ta' dina l-akkuza. Illi l-appellanti jilmenta illi huwa ma hallasx il-manteniment ghax-xahar indikat fl-akkuza billi kien jinsab fl-impossibilita' li jaghmel dan ghal ragunijiet ta' mard. Oltre dan jishaq illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva, tenut kont tal-fatt illi qatt ma kienet l-intenzjoni tieghu li jahrab mill-obbligi tieghu skont id-digriet tal-Qorti, izda kien fl-impossibilita li jaghmel dan minhabba li ma kellux introjtu f'dak iz-zmien, billi kif inghad kien marid. Xhieda ta' dan hemm esebiet fl-atti il-file mediku tieghu li juri li sahansitra huwa kien gie rikoverat l-isptar.

Issa din il-Qorti kellha ix-xorti tisma' lill-ko-litigandi jixhdu mill-gdid. Mix-xhieda ta'l-appellanti johrog *ex admissis* illi huwa waqaf mix-xoghol fil-21 ta' April 2017. Mill-istess xhieda jirrizulta illi ghall-ewwel tlett xhur ta'l-istess sena u cioe' 2017, l-appellanti iddikjara introjtu ta' 2000 ewro fix-xahar. Imbaghad ghax-xhur ta' April, Mejju u Gunju iddikjara introjtu ta' 1900 ewro ghal kull xahar. L-appellanti jikkontendi illi dan kien hlas ghal xoghol li huwa kien ghamel bhala *mechanical engineer self-employed* ghax-xhur meta huwa kien ghadu qed jahdem. Jishaq illi ghandu proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja fejn qed jitlob li jigi ezentat milli ihallas il-manteniment ghax-xhur meta kien dizokkupat.

Illi allura gie stabbilit illi l-appellanti naqas illi ihallas il-manteniment ghax-xahar indikat fl-akkuza. Illi ukoll ghalkemm jikkontendi illi huwa kien jinsab fl-impossibilita' jonora dan l-obbligu impost fuq bid-digriet tal-Qorti tal-Familja, madanakollu jidher illi fix-xhur meta kien dizokkupat minhabba l-mard xortawahda kellu xi forma ta' introjtu. Dan ifisser illi l-appellanti ma jilhaqx il-grad tal-prova mehtiega minnu fil-kamp penali u cioe' illi jipprova sal-grad tal-probabbli l-impossibilita' kif allegat minnu.

Maghdud dan madanakolu billi l-appellanti illum qieghed jottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti u il-mankanza tieghu kienet biss ghax-xhur fejn il-qliegh kien naqaslu ghal ragunijiet ta' sahha, il-Qorti hija il-fehma illi jekk huwa ser jigi inkarcerat anke ghal perijodu qasir ser tinsorgi biza rejali illi l-appellanti ma jonorax dan l-obbligu u ma ikunx jista' iwettaq l-impenn tieghu li jkompli ihallas il-manteniment ghal uliedu. Illi l-Qorti trid izzomm quddiem ghajnejha x'kien il-hsieb tal-legislatur meta introduca dina l-kontravvenzjoni fil-kodici penali taghna bil-penali horox li iggorr maghha.

Illi gie deciz: *"L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1983, kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti sabiex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti, jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi."*[1]

Ghalhekk indubbjament f'dan il-kaz hemm lok ghal temperament fil-piena .

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma in parti s-sentenza appellata fejn filwaqt illi tikkonfermaha ghal dak li jirrigwarda l-htija, tirriforma l-piena inflitta u minflok dik ta' gimgha detenzjoni, tillibera lill-appellanti taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum. Wara li rat l-artikolu

[1] Il-Pulizija va Publius Said – 25/09/2003 App.Inf

24 tal-Kapitolu 446 tikkundanna lill-appellanti ihallas lil Mariella Caruana s-somma ta' €400 u dana bhala kumpens ghall-manteniment ghax-xahar indikat fl-akkuza li baqa' ma giex effetwat u dan fi zmien xahar mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur